TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 149/13-F

**Julie & Raymond Shead**

**vs**

**Ultimate**

Illum 4 ta' Frar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-8 ta' Lulju, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' erba' mitt ewro (€400), rappreżentanti prezz ta' televiżjoni li wara ftit li nxtara , inqasam l-iscreen.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi kienu xtraw televiżjoni mingħand is-soċjeta' ntimata u wara xi tliet ġimgħat raw krakjatura fuq l-*iscreen* u għalhekk ħaduh lura għand is-soċjeta' ntimata għax kien kopert bil-garanzija.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi dan ma kienx difett imma ħsara li ġiet ikkaġunata u li ma kinitx koperta bil-garanzija, stante li damu iktar minn tliet ġimgħat sabiex jirritornawh lura u li kieku kien difett kien joħroġ kollu wara ġurnata jew tnejn imma mhux wara tlett ġimgħat, u li wara kollox it-televiżjoni ġie mogħti tajjeb lir-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, qed jemmen aktar il-verżjoni tas-soċjeta' ntimata, stante li t-televiżjoni ma jikrekjax waħdu u dam iktar minn tliet ġimgħat qabel marru jirrappurtaw dak li kellu. Illi kieku marru mill-bidu kienu jkunu iktar kredibbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888